MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Numru 83/2009

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa’ u
Spettur Anne Marie Micallef)

vs

Jonathan Triganza

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 180571(M), akkuzat talli:

1. f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer fis-27 ta’ Jannar 2009 u fil-jiem u x-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoniji tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalfici foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’

intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329. 37) ghad-dannu ta' Scotts Limited, operaturi ta' Scotts Supermarket; Arkadia Marketing Limited, operaturi ta' Arkadia Foodstore; Frank Borda Limited, operaturi ta' Gala Shopping Centre; Sterling Holdings Company Limited, operaturi ta' Sterling Jewellers; Vascas Enterprises Limited, operaturi ta' Vascas Jewellers; Classic Group, operaturi ta' Classic Jewellers u Diamonds International; Mediterranean Diamonds Limited, operaturi ta' Mediterranean Diamonds; u Joseph Grech, operatur ta' l-istabbiliment Pagoda Restaurant.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f'din l-ewwel udjenz fl-liema ammissjoni huwa ppersista anka wara li l-Qorti taghtu cans jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Ir-reati li taghhom l-akkuzat hu mixli jikkoncernaw t-truffa. Fir-rigward, apparti l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat f'din l-ewwel udjenza, kemm l-istqarrija ben cara li hu rrilaxxja lill-Pulizija u tinsab esebita in atti.

Ghaldaqstant m'hemmx dubbju li l-akkuzat ghandu jintsab hati tal-akkuza kontrih migjuba. Rat l-Artikolu 18, 309, 310(1a) tal-Kap 9. Tikkundannah sentejn prigunerija li qeghda tissospendihom ghal erba' snin mil-lum sakemm ma jikkomettix reat iehor fil-perjodu operattiv jigifieri ta' erba' snin mil-lum u dana wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u ikkonsidrat l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali tieghu.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat r-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------